**186. L-Onor Angelo Farrugia u l-Onor. Gavin Gulia pproponew:-**

Illi minħabba li fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2001 tal-Kamra tad-Deputati ġew imqiegħda fuq il-Mejda ta' l-istess Kamra:-

- Avviż Legali 261 ta' l-2000 - Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kompjuterizzazzjoni, Spezzjoni u Riċerki fir-Reġistru Pubbliku, u

- Avviż Legali 262 ta' l-2000 - Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw l-iskedi li jinsabu ma' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku;

Liema regolamenti qed isiru bis-saħħa mogħtija bl-Artiklu 39 ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u dan mill-Ministru ta' l-Intern bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi;

- Billi dawn ir-regolamenti, u in partikolari dawk indikati fl-avviż legali 262 ta' l-2000 qegħdin jgħollu t-tariffi u l-ħlasijiet li għandhom jitħallsu fir-Reġistru Pubbliku għal kull applikazzjoni għal riċerka, għal kull riċerka u ċertifikati kif ukoll żidiet kbar fil-ħlasijiet ta' kopji ta' Insinwa jew parti mir-riċerka, ħlasijiet ogħla wkoll f'riċerka ta' garanzija ta' paċifiku pussess, maternita' differenti jew noti oħra simili, żidiet f'riċerki ta' verifiki u kontrolli oħra ta' noti ta' riferenzi, żidiet fil-ħruġ ta' ċertifikati speċjali ta' iskrizzjoni u oħrajn; u

- Billi dawn iż-żidiet li jkollu jħallas kull ċittadin f'Malta u f'Għawdex minħabba riċerki kemm għal kawżi li jkollu fil-Qrati tagħna, diviżjoni, kawżi ta' wirt, paternita', qsim ta' proprjeta', u wkoll każijiet ta' pubblikazzjoni ta' kuntratti ta' xiri ta' art, inklużi dawk ta' proprjetajiet mibjugħa mill-Awtorita' tad-Djar lil persuni ta' dħul medju jew baxx li finalment ikunu waslu biex jagħmlu l-ewwel xiri ta' darhom, inklużi skemi maħruġa mill-istess Awtorita' tad-Djar lil koppji żgħażagħ u oħrajn, liema żidiet sejrin ikomplu jżidu l-piż diġa' qawwi ħafna fuq dawn in-nies; u

- Billi dawn iż-żidiet fil-ħlasijiet għar-Reġistru Pubbliku huma forma oħra ta' taxxi indiretti, liema tip ta' taxxi fin-numru tagħhom kif elenkati fl-avviżi legali msemmija ma jissemmew imkien fid-diskors tal-budget għas-sena 2001 ta' l-istess Ministru tal-Finanzi li issa taħt dawn l-avviżi legali qed jintroduċihom bil-ftehim mal-Ministru ta' l-Intern;

- Għal dawn ir-raġunijiet u raġunijiet oħra illi għandhom jiġu trattati f'dibattitu serju f'dan il-Parlament u dan billi skond l-artiklu 11 dwar l-Interpretazzjoni Kap 249 - Regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fi żmien 28 jum wara li jiġu hekk imqiegħda, il-Kamra tirriżolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jekk jiġu hekk emendati skond il-każ iżda bla ħsara għall-validita' ta' kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għal għemil ta' regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta' dik ix-xorta; u

- Għal raġunijiet hekk indikati din il-Kamra jidhrilha li r-regolamenti fuq imsemmija u cioe' fl-Avviż Legali 261 ta' l-2000 u l-Avviż Legali 262 ta' l-2000 m'għandhomx jiġu fis-seħħ.

Għaldaqstant dan il-Parlament jirrevoka, iħassar u jannulla l-Avviż Legali 261 ta' l-2000 u l-Avviż Legali 262 ta' l-2000.

23.01.2001